II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2246

tal-15 ta' Novembru 2022

li jemenda l-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-marda tat-tnewwin kroniku fiċ-ċervidi ħajjin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a, il-punti (j) u (m) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu fl-Unjoni. Dan japplika għall-produzzjoni u għat-tqegħid fis-suq tal-annimali ħajjin u tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali u, f'ċerti każijiet speċifiċi, għall-esportazzjonijiet tagħhom. L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula r-regoli għall-kummerċ intra-Unjoni u l-Anness IX ta' dak ir-Regolament jistipula r-regoli relatati mal-importazzjonijiet ġewwa l-Unjoni. Jipprovdi wkoll, *inter alia*, għall-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja fil-każ tat-tifqigħat tat-TSEs.

(2) Il-marda tat-tnewwin kroniku hija enċefalopatija spongiformi trażmissibbli taċ-ċervidi u hija infettiva, u għalhekk tista' tikkawża xkiel għall-kummerċ fl-Unjoni, għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(3) Fl-1 ta' April 2016, in-Norveġja għarrfet lill-Kummissjoni bl-ewwel każ tal-marda tat-tnewwin kroniku kkonfermat fit-territorju tagħha, f'renna selvaġġa. Dik kienet l-ewwel darba li ġiet identifikata l-marda tat-tnewwin kroniku fl-Ewropa u dan kien l-ewwel każ naturali f'renna fid-dinja. Minn dan l-ewwel każ sa Ottubru 2021, in-Norveġja kkonfermat tal-inqas każ wieħed kull sena, b'total ta' wieħed u tletin każ: 20 f'renni selvaġġi, tnejn fi ċriev ħomor u disgħa f'moose.

(4) Fil-11 ta' Lulju 2016, in-Norveġja adottat miżura biex tipprojbixxi l-esportazzjoni min-Norveġja taċ-ċervidi ħajjin, minħajr preġudizzju għal derogi speċifiċi.

(5) Peress li l-marda tat-tnewwin kroniku hija marda infettiva, hemm ir-riskju li tista' tinfirex għal popolazzjonijiet oħra taċ-ċervidi u lejn reġjuni oħra fl-Unjoni u fl-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Għalhekk ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1918 ([2]). Id-Deċiżjoni ċaħdet iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja fl-Unjoni u pprevediet derogi speċifiċi.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1918 tat-28 ta' Ottubru 2016 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku (ĠU L 296, 1.11.2016, p. 21).

(6) Fit-2 ta' Diċembru 2016, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat opinjoni xjentifika dwar il-marda ta' tnewwin kroniku fiċ-ċervidi (l-opinjoni tal-EFSA tal-2016) ([3]). Din l-opinjoni tirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' programm ta' sorveljanza ta' tliet snin għall-marda tat-tnewwin kroniku fiċ-ċervidi fl-Estonja, fil-Finlandja, fl-Iżlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fin-Norveġja, fil-Polonja u fl-Iżvezja, li huma l-Istati Membri u l-Istati tal-EFTA b'popolazzjoni tar-renni jew tal-moose, jew bit-tnejn li huma, sabiex jiġu identifikati u stmati l-prevalenza u t-tixrid ġeografiku tal-marda tat-tnewwin kroniku. L-Opinjoni tal-EFSA tal-2016 ikkonkludiet ukoll li s-sors għall-introduzzjoni u għat-tixrid tal-marda tat-tnewwin kroniku x'aktarx kien iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin u l-opinjoni enfasizzat li l-użu tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina taċ-ċervidi żied il-probabbiltà tal-introduzzjoni tal-marda tat-tnewwin kroniku. Għalhekk, l-Opinjoni rrakkomandat li ċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin jixxejjen u t-twaqqif tal-użu tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina taċ-ċervidi.

(7) Wara l-adozzjoni tal-Opinjoni tal-EFSA tal-2016, l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1972 ([4]) sabiex jipprevedi programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin għall-marda ta' tnewwin kroniku fiċ-ċervidi, filwaqt li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2181 ([5]) tawlet il-validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 sal-aħħar tal-2020 biex tippermetti li l-miżuri ta' salvagwardja jibqgħu applikabbli sa tmiem dak il-programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2181 żiedet ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet rigward il-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina taċ-ċervidi mal-miżuri ta' salvagwardja.

(8) Fl-2018, il-Finlandja identifikat l-ewwel każ tal-marda tat-tnewwin kroniku fl-Unjoni u każ ieħor f'Novembru 2020. L-Iżvezja identifikat tliet każijiet tal-marda tat-tnewwin kroniku fl-2019 u każ ieħor f'Settembru 2020. Il-każijiet kollha tal-marda ta' tnewwin kroniku identifikati fil-Finlandja u fl-Iżvezja ġew ikkonfermati fil-kuntest tal-programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin għall-marda ta' tnewwin kroniku fiċ-ċervidi u nstabu fil-moose selvaġġi.

(9) Fil-11 ta' Novembru 2019, l-EFSA ppubblikat l-Opinjoni Xjentifika "Update on chronic wasting disease (CWD) III" ([6]) (l-Opinjoni tal-EFSA tal-2019) b'rakkomandazzjonijiet varji lill-Kummissjoni, inkluż fir-rigward tal-fatturi ta' riskju li jistgħu jħaffu t-tixrid tal-marda tat-tnewwin kroniku fl-Unjoni.

(10) Filwaqt li titqies l-identifikazzjoni ta' każijiet ġodda tal-marda tat-tnewwin kroniku fin-Norveġja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja, sakemm issir il-valutazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ, u filwaqt li jitqies li kien meħtieġ aktar żmien ta' riflessjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tal-EFSA tal-2019, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 reġa' ttawwal bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2167 ([7]), sal-31 ta' Diċembru 2022, sabiex jiġu riflessi l-konfermi riċenti tal-marda tat-tnewwin kroniku fil-Finlandja u fl-Iżvezja.

(11) Peress li l-miżuri ta' salvagwardja tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 ilhom jiġu applikati mill-2016, li s-sitwazzjoni epidemjoloġika riċenti fir-rigward tal-marda ta' tnewwin kroniku ma tippermettix li tiġi prevista l-eradikazzjoni tagħha fi żmien qrib, li ma jkunx legalment xieraq li terġa' tittawwal l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u li jenħtieġ li dawk il-miżuri madankollu jibqgħu applikabbli biex jissoktaw jipprevjenu l-marda tat-tnewwin kroniku milli tinxtered aktar fl-Unjoni u fl-Istati tal-EFTA, jenħtieġ li l-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiġu emendati biex jinkludu l-miżuri attwalment stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918, aġġustati kif meħtieġ biex titqies il-konferma tal-marda tat-tnewwin kroniku fil-Finlandja u fl-Iżvezja.

([3]) *EFSA Journal* 2017;15(1):4667.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1972 tat-30 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' programm ta' monitoraġġ għall-marda ta' tnewwin kroniku fiċ-ċriev fl-Estonja, fil-Finlandja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja u fl-Iżvezja u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/182/KE (ĠU L 281, 31.10.2017, p. 14).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2181 tal-21 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 58).

([6]) *EFSA Journal* 2019;17(11)5863.

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2167 tas-17 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1918 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku billi jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha (ĠU L 431, 21.12.2020, p. 70).

(12) Għaldaqstant, abbażi tal-konklużjonijiet tal-opinjonijiet tal-EFSA tal-2016 u tal-2019, jeħtieġ li tinżamm il-projbizzjoni taċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni. Għal raġunijiet prattiċi, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tissokta tapplika għaċ-ċervidi ħajjin imċaqalqa flimkien ma' attività tal-bniedem, iżda mhux għaċ-ċaqliq taċ-ċervidi selvaġġi li jaqsmu l-fruntiera tan-Norveġja mingħajr ebda intervent tal-bniedem. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti derogi speċifiċi minn dik il-projbizzjoni biex jippermettu ċertu ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni, inkluż ir-ragħa staġjonali transfruntier tar-renni semidomestikati, u ċ-ċaqliq tar-renni semidomestikati biex jintużaw f'avvenimenti kulturali jew sportivi fl-Iżvezja. Madankollu, minħabba r-riskju għas-saħħa tal-annimali li jirrappreżenta ċ-ċaqliq permess minn dawk id-derogi, b'mod partikolari f'termini ta' kontaminazzjoni ambjentali bil-prijuni tal-marda tat-tnewwin kroniku fiż-żoni ta' destinazzjoni, jenħtieġ li ċaqliq bħal dan jibqa' ristrett għal żoni definiti fil-Finlandja u fl-Iżvezja, u jenħtieġ li ċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin minn dawk iż-żoni jibqa' pprojbit, mingħajr preġudizzju għal derogi speċifiċi.

(13) Peress li l-marda tat-tnewwin kroniku issa ġiet ikkonfermata f'żewġ Stati Membri, u abbażi tal-konklużjonijiet tal-opinjonijiet tal-EFSA tal-2016 u tal-2019 dwar il-fatturi ta' riskju li jistgħu jħaffu t-tixrid tal-marda ta' tnewwin kroniku fl-Unjoni, jeħtieġ li tiġi prevista projbizzjoni taċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin minn Stat Membru kkonċernat b'dik il-marda lejn il-bqija tal-Unjoni. Għal raġunijiet prattiċi, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tapplika għaċ-ċervidi ħajjin imċaqalqa flimkien ma' attività tal-bniedem, iżda mhux għal ċaqliq taċ-ċervidi selvaġġi mingħajr ebda intervent tal-bniedem. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti derogi speċifiċi għal dik il-projbizzjoni biex jippermettu ċertu ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin mill-Istati Membri kkonċernati bil-marda tat-tnewwin kroniku, inkluż bil-għan li jiġi żgurat aċċess sikur għal riżorsi ġenetiċi ta' valur taċ-ċervidi bejn l-Istati Membri kkonċernati.

(14) Jenħtieġ li tinżamm il-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-lixkiet għall-kaċċa tal-awrina dderivata miċ-ċervidi u l-projbizzjoni taċ-ċaqliq tal-lixkiet għall-kaċċa tal-awrina dderivata miċ-ċervidi li joriġinaw min-Norveġja. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi pprojbit iċ-ċaqliq tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina dderivata miċ-ċervidi li joriġinaw fi Stati Membri fejn ġew ikkonfermati każijiet tal-marda tat-tnewwin kroniku.

(15) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiġu emendati skont dan.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu A huwa emendat kif ġej:

(i) It-Taqsima B titħassar;

(ii) tiżdied it-Taqsima C li ġejja:

"TAQSIMA C

Kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċervidi

1. Lista tal-Istati Membri u taż-żoni tagħhom stabbiliti b'rabta mal-marda tat-tnewwin kroniku

1.1. Stati Membri fejn ġew ikkonfermati l-każijiet tal-marda tat-tnewwin kroniku:

(a) Il-Finlandja

(b) L-Iżvezja

1.2. Żoni tal-Finlandja u tal-Iżvezja ddefiniti b'rabta mar-riskju tal-marda ta' tnewwin kroniku marbut maċ-ċaqliq transfruntier tradizzjonali tar-renni ħajjin semidomestikati lejn in-Norveġja u minnha:

(a) fil-Finlandja: żona li tinsab bejn il-fruntiera Norveġiża-Finlandiża u s-Sies għar-Renni bejn in-Norveġja u l-Finlandja;

(b) fl-Iżvezja:

— il-kontea ta' Norrbotten,

— il-kontea ta' Västerbotten,

— il-kontea ta' Jämtland,

— il-kontea ta' Västernorrland,

— il-muniċipalità ta' Älvdalen fil-kontea ta' Dalarna,

— il-muniċipalitajiet ta' Nordanstig, ta' Hudiksvall u ta' Söderhamn fil-kontea ta' Gävleborg.

2. Ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni

2.1. Iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

2.2. B'deroga mill-paragrafu 2.1, dan iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin għandu jkun permess:

(a) ċaqliq min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fil-punt 1.2(b) tar-renni ħajjin semidomestikati għar-ragħa staġjonali, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(b) ritorn min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fil-punt 1.2(b) tar-renni ħajjin semidomestikati wara r-ragħa staġjonali fin-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(c) ċaqliq min-Norveġja lejn iż-żoni fil-Finlandja elenkati fil-punt 1.2(a) tar-renni semidomestikati ħajjin għar-ragħa staġjonali;

(d) ritorn min-Norveġja lejn il-Finlandja tar-renni ħajjin semidomestikati li kienu jirgħu fin-Norveġja fiż-żona li tinsab bejn il-fruntiera Norveġiża-Finlandiża u s-Sies għar-Renni bejn in-Norveġja u l-Finlandja;

(e) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja għat-tbiċċir dirett, dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(f) ċaqliq min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fil-punt 1.2(b) tar-renni ħajjin semidomestikati għall-avvenimenti sportivi jew kulturali, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għaċ-ċaqliq ta' kull kunsinna;

(g) ritorn min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fil-punt 1.2(b) tar-renni ħajjin semidomestikati wara li ħadu sehem f'avvenimenti sportivi jew kulturali fin-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għaċ-ċaqliq ta' kull kunsinna;

(h) tranżitu taċ-ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja u maħsuba għan-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tat-tranżitu tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel.

3. Ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra miż-żoni tal-Finlandja u tal-Iżvezja bi tradizzjoni ta' ċaqliq transfruntier man-Norveġja tar-renni semidomestikati

3.1. Iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra miż-żoni elenkati fil-punt 1.2 għandu jkun ipprojbit.

3.2. B'deroga mill-paragrafu 3.1, dan iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra miż-żoni elenkati fil-punt 1.2. għandu jkun permess:

(a) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin lejn in-Norveġja dment li l-awtorità kompetenti tan-Norveġja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(b) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin għat-tbiċċir dirett fil-Finlandja jew fl-Iżvezja, dment li l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(c) ċaqliq miż-żoni tal-Iżvezja elenkati fil-punt 1.2(b) tal-Finlandja tar-renni ħajjin tal-foresta, dment li l-awtorità kompetenti tal-Finlandja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(d) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin minn stabbiliment konfinat kif definit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u li jinsab f'żona elenkata fil-punt 1.2(b) ta' dan l-Anness lejn stabbiliment konfinat, kif definit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429 fl-Iżvezja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan.

4. Ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra minn Stat Membru fejn tkun ġiet ikkonfermata l-marda tat-tnewwin kroniku

4.1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 3, iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra minn Stat Membru elenkat fil-punt 1.1 lejn Stati Membri oħra għandu jkun ipprojbit.

4.2. B'deroga mill-punt 4.1, dan iċ-ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin barra mill-Istati Membri elenkati fil-punt 1.1. għandu jkun permess:

(a) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin għat-tbiċċir dirett fi Stat Membru ieħor elenkat fil-punt 1.1 jew fin-Norveġja;

(b) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin għal skopijiet għajr dak tat-tbiċċir dirett lejn Stat Membru ieħor elenkat fil-punt 1.1 jew fin-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan;

(c) ċaqliq taċ-ċervidi ħajjin minn stabbiliment konfinat kif definit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429 lejn stabbiliment konfinat, kif definit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429 fi Stat Membru ieħor, dment li l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal ċaqliq bħal dan.";

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

(b) fil-Kapitolu C, tiżdied it-Taqsima C li ġejja:

"TAQSIMA C

Lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina miċ-ċervidi

1. Iċ-ċaqliq lejn l-Unjoni tal-kunsinni tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina dderivata miċ-ċervidi li joriġinaw min-Norveġja, għandu jiġi pprojbit.

2. Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina dderivata miċ-ċervidi li joriġinaw mill-Istati Membri elenkati fil-Kapitolu A, Taqsima C, punt 1.1 għandhom jiġu pprojbiti.";

2. fl-Anness IX, fil-Kapitolu F, jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. L-importazzjoni fl-Unjoni tal-lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina dderivata miċ-ċervidi għandha tiġi pprojbita.".